**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Daniel Farrugia**

Illum 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Daniel Farrugia, ta' 34 sena, iben Louis u Josephine nee' Attard, imwieled Attard, fl-10 ta' Novembru 1979 u residenti 25, Triq Castro, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' 557879(M).

Talli nhar id-9 ta' Mejju 2015 ghall-hatba tas-1:30 p.m., gewwa l-konfini tal-fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd u/jew d-DIS Group of Companies u/jew tas-socjetajiet susidjarji taghha u/jew fil-madwar, gewwa il-Qasam Industrijali ta' Kordina, Paola:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Charles Spiteri f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-gisem ta' l-istess persuna ai termini ta' l-Artioklu 216 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skont ma iccertifikat Dr Alison Psaila M.D. (med. Reg. no. 5665) mid-Dipartiment ta' l-emergenza tal-Isptar Mater Dei;

2. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definitvi moghtija mill-Qrati ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li kkawza griehi ta' natura gravi fuq Charles Spiteri u inoltre' li huwa recediv.

Mill-provi jirrizulta li fis-6 ta' Mejju 2015 kien sar rapport mid-diretturi tal-grupp tal-kumpaniji DIS, fosthom l-imputat, rigward serq u hsara li kienet qeghda ssir fil-fabbrika taghhom fil-Qasam Industrijali ta' Kordin. In vista ta' dan, l-imputat, missieru u xi membri ohra tal-familja bdew jaghmlu l-ghassa fil-fabbrika L-Ispettur Joseph Mercieca xehed[1] li wara l-incident kien ghamel spezzjoni fil-fabbrika minn fejn deher li kien hemm hsarat kbar konsistenti l-aktar fi tqaccit ta' wires, kienu qalghawlhom is-server tal-kompjuter kif ukoll il-pumijiet tal-bibien. L-Ispettur Mercieca xehed ukoll li kemm l-imputat kif ukoll missieru kienu qalulu li raw il-bieb jinfetah b'cavetta u f'daqqa wil-hin tfacca persuna li kien Spiteri.

Meta l-pulizija giet infurmata fid-9 ta' Mejju 2015 li fil-fabbrika Dolphin Industrial Services fil-Qasam Industrijali Kordin kien hemm persuna mizmuma mis-sidien tal-istess fabbrika infethet inkjesta magisterjali.

L-Ispettur Zammit[2] xehed li fuq il-post kienu nstabu boiler suit, turnavit, boots ahdar b'xi demm u injama li kellha wkoll xi demm. Fejn instab Spiteri bilqeghda fejn ix-xatba kien hemm it-taqtir ta' demm.

---

[1] Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015
[2] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2015

Illi Charles Spiteri ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri billi kienu se jittiehdu proceduri kriminali anki fil-konfront tieghu. Irrizulta mill-atti li dan Spiteri sofra griehi ta' natura gravi. Huwa kien ta l-versjoni tieghu lill-ufficjali prosekuturi li min-naha taghhom naturalment xehdu fuq dak li qalilhom l-istess Spiteri.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fejn kien iddikjara li Spiteri kien dahal fil-fabbrika u meta l-imputat staqsih x'kien dahal jaghmel hemm gew dan tal-ahhar irrispondih li kien sema' xi ghajjat. Spiteri beda hiereg lura u attakka lill-imputat b'turnavit u l-imputat li kellu injama f'idejh stqarr li ta xi daqqiet fuq wicc u fuq id Spiteri bl-injama. Huwa stqarr ukoll li missieru kellu xi pistola f'idejh li pponta fil-konfront ta' Spiteri izda qatt ma spara tiri. L-istess ufficjali prosekuturi xehdu li Spiteri allega li kienu gew sparati xi warning shots u li wara tfittxija intensiva fil-lok mill-ufficjali tal-pulizija ma nstabitx evidenza ta' dan.

Illi l-abbli difensur tal-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-legittima difiza f'dan il-kaz.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[3] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

---

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, ilperikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz odjern, dwar id-dinamika ta' l-akkadut jirrizulta li l-elementi rikjesti sabiex tigi invokata din id-difiza gew kollha sosdisfatti. Irrizulta infatti li Spiteri dahal fil-fabbrika li taghha l-imputat huwa direttur u dan minghajr ma kellu d-dritt ikun prezenti fl-istess. Abbazi ta' dak li stqarr fl-istqarrija tieghu l-istess imputat, li f'dawn il-proceduri ma giet kontradetta bl-ebda prova ohra, huwa rreagixxa ghall-perikolu attwali li sab ruhu fih.

In vista li din il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-legittima difiza sollevata mill-imputat m'hemmx il-htiega li tezamina jekk l-addebitu tar-recediva giex ippruvat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-legittima difiza sollevata mill-imputat u ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat